

31981L0933

25.11.1981

IL-ĠURNAL UFFIĊJALI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ

L 338/24

ID-DIRETTIVA TAL-KUNSILL**tas-17 ta' Novembru 1981**

li temenda d-Direttivi 69/169/KEE u 78/1035/KEE rigward eżenzjonijiet mit-taxxa applikabbi fuq vjaġġar internazzjonali u ta' l-importazzjoni ta' kunsinni żgħar ta' oġġetti ta' karattru mhux kummerċjali minn pajjiżi terzi

(81/933/KEE)

IL-KUNSILL TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidra t-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ekonomika Ewropea, u b'mod partikolari l-Artikolu 99 dwar dan,

Wara li kkunsidra l-proposta mill-Kummissjoni (¹),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Parlament Ewropew (²),

Wara li kkunsidra l-opinjoni tal-Kumitat Ekonomiku u Soċjali (³),

Billi l-iffissar ta' l-ekwivalenti f'munita nazzjonali ta' l-eżenzjonijiet ta' taxxa kif hemm provdut fid-Direttiva tal-Kunsill 69/169/KEE tat-28 ta' Mejju 1969 fuq l-armonizzazzjoni tad-dispożizzjonijiet imqegħda bil-liġi, regolament jew azzjoni amministrattiva relatav ma' l-eżenzjoni mid-dħul ta' taxxa u dazju tas-sisa fuq importazzjoni fi vjaġġar internazzjonali (⁴), kif emendat l-aħħar bid-Direttiva 78/1033/KEE (⁵) u d-Direttiva tal-Kunsill 78/1035/KEE tad-19 ta' Diċembru 1978 fuq l-eżenzjoni mit-taxxi ta' importazzjoni ta' kunsinni żgħar ta' karattru mhux kummerċjali minn pajjiżi terzi (⁶) jirriżulta fi tnaqqis fit-termini ta' munita nazzjonali fl-eżenzjonijiet ta' taxxa applikabbi fi Stat Membru wieħed; billi, fiċ-ċirkostanzi preżenti, tali tnaqqis għandu jiġi evitat,

(b) fil-paragrafu 2, l-espressjoni "20 unita' Ewropea ta' rendikont" għandha tiġi mibdula b' "23 ECU".

Artikolu 2

Fit-tielet indent ta' l-Artikolu 1(2) tad-Direttiva 78/1035/KEE l-espressjoni "30 EUA" għandha tiġi mibdula b' "35 ECU".

Artikolu 3

1. L-Istati Membri għandhom jieħdu l-miżuri meħtieġa sabiex jikkonformaw ma' din id-Direttiva mill-1 ta' Jannar 1982.

2. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni bid-dispożizzjonijiet li jadottaw għall-applikazzjoni ta' din id-Direttiva.

Artikolu 4

Din id-Direttiva hija indirrizata lill-Istati Membri.

ADDOTTA DIN ID-DIRETTIVA:

Artikolu 1

L-Artikolu 1 tad-Direttiva 69/169/KEE għandu jiġi emendat kif ġej:

(a) fil-paragrafu 1, l-espressjoni "40 unita' Ewropea ta' rendikont" għandha tiġi mibdula b' "45 ECU",

*Għall-Kunsill**Il-President*

G. HOWE

Magħmulu fi Brussell, fis-17 ta' Novembru 1981.

(¹) ĠU Ċ 350, tal-31.12.1980, p. 21.

(²) ĠU Ċ 144, tal-15.6.1981, p. 76.

(³) ĠU Ċ 159, tad-29.6.1981, p. 5.

(⁴) ĠU L 133, ta' l-4.6.1969, p. 6.

(⁵) ĠU L 366, tat-28.12.1978, p. 31.

(⁶) ĠU L 366, tat-28.12.1978, p. 34.